KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.2.2006
KUMM(2006) 69 finali

2006/0018 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2006) 194}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Fit-28 ta' Jannar 2005, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar l-istrateġija Komunitarja fir-rigward tal-merkurju[1] li kienet mirfuda bis-saħħa ta' Valutazzjoni Estiża ta' l-Impatt (*Extended Impact Assessment* (ExIA))[2]. Din l-Istrateġija tqis l-impatti tal-merkurju fuq bażi globali u tipproponi miżuri għall-ħarsien ta' saħħet il-bniedem u ta' l-ambjent mir-rilaxx tal-merkurju bbażati fuq analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja li jqis il-produzzjoni, l-użu, it-trattament ta' l-iskart u l-emissjonijiet.

Bil-għan li titnaqqas id-domanda għall-użu tal-merkurju fil-prodotti u sabiex tiġi mgħaġġla s-sostituzzjoni tal-merkurju, l-ExIA indikat li jkun xieraq li tiġi introdotta restrizzjoni fuq livell Komunitarju għat-tqegħid fis-suq tat-tagħmir għall-kejl u għall-kontroll maħsub għall-użu mill-konsumaturi u li jkun fih il-merkurju u, b'xi eċċezzjonijiet, għal dan it-tagħmir fis-settur tal-kura tas-saħħa. Filwaqt li ħafna mit-tagħmir ta' kontroll għall-użu domestiku, eż. it-termostats, jaqa' fl-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE[3] (id-Direttiva RoHS), it-tagħmir għall-kejl bħat-termometri għall-kejl tad-deni u għall-kmamar, barometri, arloġġi għall-kejl tal-pressjoni tad-demm, u manometri ma jiddependix mill-kurrent elettriku biex jaħdem kif suppost u għalhekk ma jaqax fl-ambitu tad-Direttiva RoHS. Dan it-tagħmir għall-kejl li ma jaħdimx bl-elettriku huwa s-suġġett ta' din il-proposta (qabbel l-Azzjoni 7 ta' l-Istrateġija).

L-għan ta' din id-Direttiva hu li tintroduċi dispożizzjonijiet armonizzati rigward il-merkurju billi timponi restrizzjonijiet fuq it-tagħmir għall-kejl u b'hekk, billi tipprevjeni li ammonti konsiderevoli ta' merkurju jispiċċaw fl-iskart, sabiex tikkontribwixxi livell għoli ta' ħarsien ta' l-ambjent u ta' saħħet il-bniedem, filwaqt li tippreserva s-suq intern, kif rikjest mill-Artikolu 95 tat-Trattat.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-merkurju u l-komposti tiegħu huma tossiċi ħafna għall-bnedmin, l-ekosistemi u l-fawna selvaġġa. Filwaqt li għall-ewwel it-tniġġiż mill-merkurju kien meqjus bħala problema akuta u lokali, issa qed jinftiehem bħala fenomenu globali, mifrux u kroniku. Il-merkurju huwa persistenti u fl-ambjent jista' jinbidel f'metilmerkurju, l-aktar forma tossika. L-esponiment għall-metilmerkurju jseħħ l-aktar permezz ta' l-ikel. Il-metilmerkurju jinġabar u jikkonċentra ruħu partikolarment fil-katina ta' l-ikel akwatika, u jsiru vulnerabbli l-popolazzjonijiet b'konsum għoli ta' ħut u frott tal-baħar (l-aktar fiż-żoni max-xtut tal-Mediterran). Huwa wkoll riskju għas-saħħa l-esponiment għall-merkurju permezz tal-ġbid għal ġol-pulmuni tal-fwar u l-assorbiment mill-ġilda.

---

1 COM (2005) 20 finali, tat-28.1.2005

2 SEC (2005) 101, tat-28.1.2005

3 Id-Direttiva 2002/95/KE tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku, ĠU L37, tat-13.2.2003, p. 19.

Għalkemm xi merkurju huwa rilaxxat minn għejun naturali, rilaxxi oħra minn għejun antropoġeniċi bħall-ħruq tal-faħam u l-użu tiegħu fil-prodotti wasslu għal żieda sinifikanti fil-konċentrazzjonijiet fl-ambjent. Huwa għalhekk importanti li jitnaqqas ir-rilaxx antropoġeniku tal-merkurju fl-ambjent, jew bis-saħħa ta' miżuri marbuta mal-kontroll ta' l-emissjonijiet jew permezz ta' miżuri fi stadji bikrin taċ-ċiklu tal-merkurju bħall-provvista u l-użu.

Id-domanda għall-merkurju hija ta' madwar 3,600 tunellata kull sena globalment, inkluż xi 300 tunnellata fl-UE. L-użi globali ewlenin, li jammontaw għal 75%, huma t-tħaffir artiġanali għad-deheb, il-batteriji u l-industrija tal-klor-alkali. Minn dawn, hija biss l-industrija tal-klor-alkali li tibqa' utent sinifikanti fl-UE, għalkemm il-proċess taċ-ċellula tal-merkurju qed jinteħħa gradwalment. L-applikazzjoni sinfikanti l-oħra fl-UE hija l-amalgama dentali, li hija indirizzata mil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar it-tagħmir mediku u l-immaniġġjar ta' l-iskart. Fost il-gruppi ewlenin tal-prodotti, il-leġiżlazzjoni Komunitarja tkopri t-tagħmir elettriku u elettroniku (id-Direttiva RoHS). Il-grupp ewlieni tal-prodotti tal-merkurju li għadu mhux kopert mil-liġi Komuniatrja huwa t-tagħmir għall-kejl u għall-kontrol li mhuwiex elettriku jew elettroniku.

L-informazzjoni disponibbli turi li 80-90% tal-merkurju kollu użat fit-tagħmir għall-kejl u għall-kontroll jintuża fit-termometri mediċi (tad-deni) u termometri oħra għall-użu domestiku. Anki jekk qed jonqos l-użu tal-merkurju, il-kwantitajiet jibqgħu sinifikanti; huwa stmat li fl-UE jintużaw 33 tunnellata ta' merkurju kull sena għat-tagħmir għall-kejl u l-kontroll, u fuq bażi annwali xi 25-30 tunnellata ta' merkurju jidħlu fiċ-ċiklu permezz tat-termometri biss[2].

Il-livelli ta' l-emissjonijiet tal-merkurju fl-ambjent naqsu minħabba li hemm parti dejjem akbar mit-tagħmir li tinġabar u l-merkurju jiġi rkuprat, iżda minkejja dan, l-emissjonijiet jibqgħu xorta waħda sinfikanti, L-RPA 2002[4] jissuġġerixxi li l-emissjonijiet fl-arja mill-konsum ta' 33 tunnellata ta' merkurju fis-sena se jkun ta' madwar 8 tunnellati fis-sena mit-tagħmir ġdid għall-kejl u l-kontroll, flimkien ma' 27 tunnellata li jispiċċaw fl-iskart mit-tagħmir antik. Madankollu, huwa diffiċli li jiġi kkwantifikat il-volum eliminat tul iż-żmien, minħabba li ħafna mit-tagħmir għandu ħajja twila. Bosta mill-prodotti ta' konsum li jkun fihom il-merkurju se jispiċċaw fil-miżbliet u potenzjalment iwasslu għall-iskular tas-sustanzi li jkun gradwali iżda li jkollu effett għat-tul. Xi strumenti li fihom il-merkurju huma soġġetti li jxerrdu l-merkurju fid-djar u bini abitat ieħor meta jinkisru.

Minn perspettiva ta' ġestjoni tar-riskju, ta' min wieħed jagħżel bejn it-tagħmir għall-kejl li jintuża mill-konsumatur u t-tagħmir għall-użu professjonali fix-xjenza u l-industrija. Dan l-użu professjonali huwa speċjalizzat għall-aħħar. Filwaqt li l-kontenut tal-merkurju għal kull oġġett jista' jkun pjuttost għoli, l-għadd ta' dawn l-oġġetti huwa limitat ħafna u dan it-tagħmir tipikament jintuża f'sistemi bi proċeduri stabbiliti sew ta' kontroll tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart. Min-naħa l-oħra, jidher li huwa estremament diffiċli li ma jidħlux fl-iskart il-mezzi għall-kejl li jintużaw mill-konsumatur. Xi Stati Membri (eż. NL, FR)

---

4 RPA(2002). Risk to health and the environment related to the use of mercury products. *(Ir-riskju għas-saħħa u l-ambjent marbut ma' l-użu tal-prodotti tal-merkurju)* Rapport minn Risk and Policy Analysts Ltd. għad-DĠ Intrapriża tal-Kummissjoni Ewropea.

jirraportaw li l-merkurju mill-prodotti huwa s-sors ewlieni tal-merkurju fl-ilma tal-wiċċ.

Riżultati minn studju ta' l-RPA mill-2002 jindikaw li l-biċċa l-kbira tat-tagħmir ta' kejl għall-konsumaturi (madwar żewġ terzi) issa jiġi importat fl-UE. Ħafna termometri u tagħmir ieħor ta' kejl jiġi importat miċ-Ċina, l-Indja u l-Ġappun. Fl-UE, hemm manifatturi ewlenin fir-Renju Unit u fil-Ġermanja (RPA 2002). L-Ewropa hija ż-żona ewlenija għall-manifattura ta' strumenti għall-applikazzjonijiet tekniċi jew xjentifiċi. Il-Lvant Imbiegħed huwa ż-żona ewlenija l-oħra.

Għat-tagħmir għall-kejl għall-użu domestiku privat, hemm disponibbli sostituti bi prezzijiet simili u fil-fatt il-proċess ta' sostituzzjoni huwa pjuttost avvanzat. L-istudji disponibbli u t-tagħrif mill-industrija juru li s-sitwazzjoni mhix daqshekk ċara għat-tagħmir għall-kejl speċjalizzat għall-użu industrijali u xjentifiku. F'ħafna każi, mhumiex disponibbli sostituti xierqa, jew inkella jiswew bil-wisq aktar.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta.**

Bosta prodotti li fihom il-merkurju diġà ġew ipprojbiti jew ristretti f'għadd ta' pajjiżi fosthom id-Danimarka, Franza, l-Olanda u l-Iżvezja. Minkejja li jvarja l-ambitu tar-restrizzjonijiet, bosta mill-użi professjonali speċjalisti huma eskluži, fi kważi l-każi kollha, mill-ambitu ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

- **Konsistenza ma' oqsma ta' politika u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Din l-azzjoni kieku tkun konformi mal-leġiżlazzjoni għal din is-sustanza użata f'applikazzjonijiet oħra bħat-tagħmir elettriku u elettroniku. Tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma li tqis il-merkurju bħala wieħed mis-sustanzi perikolużi ta' prijorità.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati kollha ġew ikkonsultati bis-saħħa ta' proċess ta' konsultazzjoni wiesa' ħafna fit-triq lejn it-tħejjija ta' l-Istrateġija dwar il-Merkurju. Tul il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni organizzat laqgħat ma' l-Istati Membri u mal-partijiet interessati u varat konsultazzjoni pubblika miftuħa fuq l-internet fejn ġiet indirizzata l-kwistjoni speċifika dwar jekk l-UE għandhiex tieħu aktar azzjoni sabiex tillimita t-tqegħid fis-suq tat-tagħmir għall-kontroll u għall-kejl. Kollox ma' kollox, kien hemm appoġġ kbir għall-azzjoni ta' l-UE; aktar dettalji jistgħu jinsabu fl-ExIA.

Barra minn hekk, bħala parti mill-eżerċizzju ta' konsultazzjoni tat-2 ta' Mejju 2005, id-DĠ ENTR iċċirkola abbozz preliminari tal-proposta lill-partijiet interessati kollha (l-Istati Membri, rappreżentanti ta' l-industrija, NGOs). L-abbozz ġie ppreżentat waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma skond id-Direttiva 76/769/KEE (Id-Direttiva dwar il-Limitazzjonijiet)[5] ta' l-20 ta' Mejju 2005. Il-laqgħa tat opportunità lill-partijiet interessati biex jagħtu r-reazzjonijiet inizjali għad-dokument ta'

[5] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.

konsultazzjoni ; ġeneralment, kien hemm appoġġ qawwi għall-proposta. Kull Stat Membru li tkellem kien favur il-proposta. Xi wħud talbu lill-Kummissjoni twessa' l-ambitu tar-restrizzjonijiet u tinkludi mill-inqas it-tagħmir użat fis-settur tal-kura tas-saħħa għall-kejl tal-pressjoni tad-demm (minbarra l-i*strain-gauges*.) Ħeġġew ukoll lill-Kummissjoni biex f'qasir żmien tkompli taħdem lejn tneħħija gradwali ta' prodotti li fihom il-merkurju u li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva dwar il-Limitazzjonijiet, u biex ma toqgħodx fuq il-proċedura ta' awtorizzazzjoni fir-REACH[6].

L-Istati Membri ntalbu jagħtu fidbek dwar l-analiżi ppreżentata. B'mod partikolari, jekk l-Istati Membri kienu staqsew għal twessigħ tar-restrizzjoni, intalbu jipprovdu t-tagħrif tekniku, xjentifiku u ekonomiku meħtieġ sabiex jiġġustifikaw ir-restrizzjoni u juru l-proporzjonalità. Sussegwentament waslu 5 tweġibiet. Erba' Stati Membri talbu li t-twessigħ ta' l-ambitu jinkludi l-isfigmomanometri użati fis-settur tal-kura tas-saħħa filwaqt li Stat minnhom kien ta' opinjoni kuntrarja.

Il-Kummissjoni rreferiet il-mistoqsija dwar restrizzjoni potenzjali fuq l-isfigmomanometri użati fis-settur tal-kura tas-saħħa lill-esperti ta' l-Istati Membri dwar it-tagħmir mediku. Il-konsultazzjoni kkonkludiet li l-isptarijiet jeħtieġu livell ta' preċiżjoni għoli sabiex jitrattaw kundizzjonijiet li jistgħu jheddu l-ħajja bħall-ipertensjoni, l-aritmija u l-pre-eclampsia. L-isfigmomanometri tal-merkurju jipprovdu l-livell xieraq ta' preċiżjoni u affidabbiltà meħtieġ għas-sikurezza tal-pazjent. L-istess livell ta' affidabbiltà għadu ma jistax jintlaħaq bl-użu ta' strumenti alternattivi għall-kejl tal-pressjoni tad-demm.

Filwaqt li, fil-ġejjieni li jista' jitbassar, se jkunu meħtieġa l-isfigmomanometri tal-merkurju għat-testjar u l-kalibrar ta' manometri oħra għall-pressjoni tad-demm, il-pożizzjoni għandha tiġi riveduta jekk u meta ssir disponibbli l-evidenza li l-isfigmomanometri li ma jużawx il-merkurju huma xierqa mhux biss għall-kejl tal-bidliet fil-pressjoni ta-demm, iżda wkoll għad-dijanjożi u t-trattament ta' l-ipertensjoni u għall-provi kliniċi.

Grupp ta' erba' NGOs qal li l-proposta għandha titwessa' biex tinkludi kull użu tal-konsumatur u professjonali.

Opponew il-proposta il-*European Medical Devices Association* u żewġ manifatturi tal-barometri.

Aktar dettalji dwar il-kummenti li waslu huma inklużi fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt mehmuża [SEG(2005)194 ta' 21.2.2006].

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

It-tagħmir tal-kejl huwa l-ikbar grupp ta' prodotti li juża l-merkurju fl-UE li mhuwiex kopert mil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-merkurju. Ġew eżaminati żewġ possibbiltajiet ewlenin għal dan il-prodott: "l-ebda azzjoni oħra" u "restrizzjoni fuq

[6] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Retsrizzjoni tal-Kiimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzja Ewropea dwar il-Kimiċi u li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u r-Regolament (KE) {dwar Sustanzi Organiċi Presistenti li Jniggsu},COM (2003) 644 finali, tad-29.10.2003

it-tqegħid fis-suq u l-użu". Ta' l-aħħar kieku tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tat-tagħmir ta' kejl u ta' kontroll permezz ta' emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE. L-ambitu ta' limitazzjoni skond dik id-direttiva għandu jqis il-fattibbiltà u l-proporzjonalità tal-miżura għall-ġestjoni tar-riskju proposta. L-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni tista' titqies bħala biżżejjed sabiex tappoġġa projbizzjoni fuq kull termometru għad-deni u tagħmir ta' kejl ieħor għall-użu mill-konsumatur. L-applikazzjonijiet speċjalisti huma esklużi mill-ambitu ta' din il-proposta. Is-sostituti xierqa mhumiex dejjem disponibbli u bosta użi professjonali speċjalisti qegħdin barra mill-ambitu ta' ħafna mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-ispejjeż u l-benefiċċji għal din il-possibbiltà huma ppreżentati fil-qosor hawn taħt.

– Spejjeż

Huwa mistenni li jkun żgħir l-impatt ekonomiku tar-restrizzjoni proposta. Għat-tagħmir ta' kejl għall-użu domestiku, huma disponibbli sostituti bi prezzijiet simili. Skond l-informazzjoni disponibbli, l-għadd ta' produtturi fl-UE li jkun baqa' jkun limitat għal ftit impriżi. Dan jintwera mill-fatt li ma teżisti l-ebda organizzazzjoni settorjali fuq il-livell Ewropew jew ta' Stat Membru. L-impatt negattiv fuq il-produtturi għandu jiġi bbilanċjat ma' l-ispejjeż li jiġu evitati tat-tneħħija tal-merkurju waqt l-immaniġġjar ta' l-iskart u tat-trattament ta' l-impatti ta' l-emissjonijiet. Il-miżura tista' għalhekk titqies bħala effiċjenti mil-lat ta' l-ispiża meta mqabbla ma' miżuri oħra fis-seħħ (eż. ir-restrizzjoni tal-merkurju fil-batteriji jew fid-dwal).

L-impatt soċjali mistenni mir-restrizzjoni proposta huwa fil-biċċa l-kbira limitat għat-telf potenzjali ta' impjiegi mal-produtturi li ma jistgħux jaqilbu għall-produzzjoni ta' sostituti. Il-kummenti li ngħataw waqt il-proċess ta' konsultazzjoni jindikaw li l-effetti negattivi fuq l-impjiegi jkunu limitati għall-aħħar.

L-impatt ikun newtrali f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ. Xi forniturі esterni kieku jitilfu suq għall-prodotti tagħhom minkejja li fl-istess ħin kwalunkwe fornitur estern li jimmanifattura sostituti mingħajr merkurju jsib suq akbar.

– Benefiċċji

Il-benefiċċju ewlieni tar-restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' ċerti miżuri ta' kejl ikun ta' tnaqqis tal-merkurju fil-mogħdija ta' l-iskart muniċipali. Ikun hemm ukoll benefiċċji għall-mogħdija ta' l-iskart tal-qasam tal-kura tas-saħħa. Ir-riżultat kumplessiv ikun ta' mmaniġġajar aktar effettiv ta' l-iskart u tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-miżbliet u l-inċinerazzjoni.

Il-benefiċċju ewlieni għaż-żmien fit-tul tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-merkurju ikun ta' livelli mnaqqsa ta' merkurju fl-ambjent. Dan iwassal sussegwentament għal livelli aktar baxxi ta' esponiment uman għall-merkurju, inkluż il-metilmerkurju fil-ħut, bil-benefiċċji għas-saħħa li jirriżultaw. Il-miżura sejra wkoll tnaqqas l-impatti tal-merkurju fil-ħamrija u fuq il-bijodiversità.

Barra minn hekk, it-tnaqqis fl-użu ta' tagħmir domestiku bil-merkurju jevita t-tixrid aċċidentali tiegħu fid-djar u abitazzjonijiet oħra. Għalhemm dan it-tixrid aċċidentali rarament ikollu effett dirett fuq saħħet il-bniedem, huwa għajn ta' esponiment u ta' emissjonijiet li għandu jiġi mminimizzat.

Fid-dawl ta' natura globali u transfruntiera ta' l-impatti tal-merkurju fuq l-ambjent u fuq is-saħħa, il-proposta kieku tappoġġa wkoll inizjattivi ta' l-UE fuq livell internazzjonali sabiex tippromwovi tnaqqas globali fl-użu tal-merkurju.

Aktar dettalji dwar il-possibbiltajiet eżaminati u r-riżultati ta' l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proposta huma inklużi fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt mehmuża [SEG(2005)194 ta' 21.2.2006].

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

L-għan ta' din il-proposta huwa li tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħet il-bniedem u ta' l-ambjent, filwaqt li tippriserva s-suq intern, kif rikjest mill-Artikolu 95 tat-Trattat. Tagħmel dan billi tintroduċi dispożizzjonijiet armonizzati f'dak li għandu x'jaqsam mal-merkurju sabiex tirrestringi l-użu tiegħu fit-tagħmir ta' kejl, u b'hekk tipprevjeni li ammonti sinifikanti ta' merkurju jidħlu fil-mogħdija ta' l-iskart.

- **Il-bażi legali**

Il-proposta hija emenda għad-Direttiva 76/769/KEE li għandha x'taqsam mar-restrizzjonijiet dwar il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi li l-Artikolu 95 tat-Trattat huwa l-bażi legali għaliha.

F'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat, il-proposta tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond il-proċedura tal-kodeċiżjoni. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jiġi kkonsultat.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

L-Istati Membri kollha li taw opinjoni apppoġġaw ir-restrizzjonijiet Komunitarji fuq il-merkurju waqt diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 76/769, kif ukoll f'kummenti għad-dokument ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-merkurju. Barra minn hekk, ma jkunx xieraq li l-kwistjoni tiġi indirizzata permezz tal-miri; kieku approvazzjoni bħal din tkun tfisser diversi miżuri fuq il-livell ta' l-Istati Membri bir-riżultat ta' distorsjonijiet fis-suq intern u salvagwardji tas-saħħa u l-ambjent li jkunu kumplessivament anqas effettivi. Ikun aktar effettiv li tiġi stabblita restrizzjoni fuq livell Komunitarju fuq ċertu tagħmir ta' kejl li fih il-merkurju milli dawn il-miżuri jitħallew f'idejn l-Istati Membri biss. Id-Direttiva proposta tkun tistabbilixxi regoli uniformi dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-prodotti fi ħdan is-suq intern. Il-miżura proposta tikkontribwixxi wkoll għal livell għoli ta' protezzjoni sanitarja u ambjentali. Fil-qosor, l-emenda proposta għad-Direttiva 76/769/KEE hija l-uniku mod kif jistgħu jintlaħqu bis-sħiħ dawn l-għanijiet.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

L-ammonti relattivament kbar ta' merkurju li għadhom jintużaw għall-produzzjoni ta' tagħmir għall-kejl, u r-riskji għolja assoċjati ma' dan l-użu jiġġustifikaw l-azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam. Ir-restrizzjonijiet fuq it-termometri għad-deni u tagħmir ieħor għall-kejl maħsuba għall-użu mill-konsumaturi ikopru l-biċċa l-kbira ta' l-użu

tal-merkurju u ta' l-emissjonijiet minn dan il-grupp ta' prodotti. L-użi speċjalizzati l-oħra fix-xjenza u l-industrija jew m'għandhomx alternattivi affidabbli jew inkella huma għaljin ħafna. Ir-restrizzjonijiet fuq dan il-grupp ta' prodotti kieku ma jkunux proporzjonati. Barra minn hekk, hemm fis-seħħ sistemi għall-ġbir u l-irkupru tal-merkurju eliminat minn din il-kategorija. Approċċ bħal dan huwa miżura teknikament u kummerċjalment xierqa biex il-merkurju jiġi eskluż mill-mogħdja ta' l-iskart muniċipali minħabba li l-għejun huma pjuttost limitati fl-għadd tagħhom. Id-direttiva proposta twassal għal benefiċċji f'termini tal-ħarsien ta' saħħet il-bniedem u l-ambjent bħala parti mill-miżuri kumplessivi għall-ġestjoni tar-riskju għal dan is-sustanza. Dan se jintlaħaq bi spiża komparattivament żgħira.

- **Għażla ta' strumenti**

L-istrument propost huwa direttiva li temenda d-Direttiva 76/769/KEE:

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja mid-Direttiva proposta.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Id-direttiva preżenti tirrestringi t-tqegħid fis-suq ta' mezzi godda għall-kejl. Din ir-restrizzjoni ma tapplikax għal mezzi li diġà qed jintużaw, jew li jinbiegħu *second hand*. L-għan għaż-żmien fil-qosor huwa t-tnaqqis tal-merkurju rilaxxat fl-ambjent. Minħabba li l-ammont ta' merkurju fit-tagħmir eżistenti li jintuża fid-djar huwa akbar mill-ammont irrappreżentat mill-bejgħ ta' tagħmir ġdid, il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel studju separat ieħeor (referenza Azzjoni 10 ta' l-Istrateġija) sabiex tindirizza din il-kwistjoni.

Għaż-żmien mezzan u fit-tul, kull użu li jkun fadal x'aktarx ikun soġġett għall-awtorizzazzjoni skond ir-Regoalment REACH propost (ara l-Azzjoni 8 ta' l-Istrateġija).

2006/0018 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-*marketing* ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[7],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[9],

Billi:

(1) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2005 dwar l-istrateġija Komunitarja dwar il-merkurju[10], li qieset l-użi kollha tal-merkurju, ikkonkludiet li jkun xieraq li jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq livell Komunitarju għat-tqegħid fis-suq ta' ċertu tagħmir għall-kejl u għall-kontroll u li mhuwiex elettriku jew elettroniku u li fih il-merkurju, li huwa l-grupp ewlieni tal-prodotti tal-merkurju li s'issa mhuwiex kopert mill-azzjoni Komunitarja.

(2) Li kieku jiddaħħlu l-limitazzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq tat-tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju, ikun hemm benefiċċji għall-ambjent, u għal saħħet il-bniedem għaż-żmien fit-tul, billi l-merkurju ma jitħalliex jidħol fil-mogħdija ta' l-iskart.

(3) Meta titqies il-fattibbiltà teknika u ekonomika, l-evidenza disponibbli dwar it-tagħmir għall-kejl u għall-kontroll tindika li l-miżuri restrittivi għandhom ikopru biss dak it-tagħmir għall-kejl maħsub għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali u f'qasam wieħed tas-settur tal-kura tas-saħħa.

(4) Bid-Direttiva preżenti għandu jiġi ristrett biss it-tqegħid fis-suq ta' mezzi godda għall-kejl. Din ir-restrizzjoni għalhekk ma tapplikax għal mezzi li diġà qed jintużaw, jew li jinbiegħu *second hand*.

---

7 ĠU C xx.
8 ĠU C xx.
9 ĠU C xx.
10 COM (2005) 20 finali, tat-28.1.2005

(5) Id-diskrepanzi bejn il-liġijiet u l-miżuri amministrattivi adottati mill-Istati Membri fir-rigward tar-restrizzjoni fuq il-merkurju f'tagħmir varju għall-kejl u għall-kontroll jistgħu joħolqu ostakli għall-kummerċ, jgħawġu l-kompetizzjoni fil-Komunità u b'hekk jista' jkollhom impatt dirett fuq it-twaqqif u t-tħaddim ta-suq intern. Jidher għalhekk meħtieġ li jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tagħmir għall-kejl u għall-kontroll billi jiġu introdotti dispożizzjonijiet armonizzati fir-rigward ta' dawk il-prodotti li fihom il-merkurju u b'hekk jiġi ppreservat is-suq intern filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħet il-bniedem u ta' l-ambjent.

(6) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/79/KEE[11] tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi għandha tiġi emendata skond dan.

(7) Id-Direttiva għandha tapplika bla ħsara għal-leġiżlazzjoni Komunitarja li tistipula r-rekwiżiti minimi għall-ħarsien tal-ħaddiema li tinsab fid-Direttiva 89/391/KEE[12] dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, u direttivi individwali msejsa fuqha, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE[13] dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn xx xx 200x [*sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha*], il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella li turi l-korrelazzjoni ta' bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn xx xx 200x [*tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].

   Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati minn tali referenza dakinnhar tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

---

[11] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201 Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/98/KE (ĠU L 305, ta' l-1.10.2004, p. 63).

[12] ĠU L 183, tad-29.06.1989, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

[13] ĠU L 131, tal-5.5.1998, p. 11-23.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS

Il-punt 19a li ġej jiddaħħal fl-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE:

"19a MerkurjuNru CAS 7439-97-6	Ma jistax jitiqegħed fis-suq (1) f'termometri għall-kejl tad-deni (2) f'tagħmir ieħor għall-kejl maħsub għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali (eż. manometri, barometri, sfigmomanometri, termometri għajr dawk għad-deni)."